Nru./No. 20,844
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 25 ta' April, 2022
Monday, 25th April, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 7381
Government Notices *7381*

Avviżi tal-Gvern ..... 7381 - 7382
Notices ..... *7381 - 7382*

Avviżi tal-Qorti ..... 7382 - 7384
Court Notices ..... *7382 - 7384*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 438

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, il-25 ta' April, 2022 għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ (M) biex jimtela l-post li tbattal minn Dott. Malcolm Paul Galea (Agius Galea) huwa dak li ismu jidher hawn taħt:

BORG ANTHONY

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-25 ta' April, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-25 ta' April, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni

GOVERNMENT NOTICE

No. 438

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 25th April, 2022 for the Local Council of Ħaż-Żebbuġ (M) to fill the post vacated by Dr Malcolm Paul Galea (Agius Galea) is that whose name is shown hereunder:

BORG ANTHONY

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

25th April, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Is-Siġġiewi.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

25th April, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance

Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tlieta, is-26, l-Erbgħa, is-27 u l-Ħamis, it-28 ta' April, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-25 ta' April, 2022

at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Tuesday, 26th, Wednesday, 27th and Thursday, 28th April, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Is-Siġġiewi.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

25th April, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

667

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1139/2021AJD, li ġie ppreżentat fid-19 ta' Novembru, 2021, fl-ismijiet Schembri Alexander Avukat noe vs Zenith Trading Ltd (C71382) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€41,049.51ċ). Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru, 2021, u bl-imgħaxijiet, dekoribbli mit-3 ta' Frar, 2020 – ossija mid-data tal-aħħar pagament li sar mill-attur lill-kumpanija konvenuta sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar id-19 ta' Mejju, 2022, fil-11.25 a.m.

Notifika Intimat: Zenith Trading Ltd, Matilda Court, 35/2, Triq Giuseppe Calì, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' April, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Civil Court, First Chamber, on 18th March, 2022, in the records of Sworn Application number 1139/2021AJD, filed on 19th November, 2021, in the names Schembri Alexander Avukat noe vs Zenith Trading Ltd (C71382) was ordered to publish the following publication, in accordance with Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the defendant company to pay the plaintiff the said sum of forty thousand and forty-nine euro and fifty-one cents (€41,049.51c). With costs, including those of the official letter of 20th September, 2021, and with interest, decorable from 3rd February 2020 – i.e. from the date of the last payment made by the plaintiff to the defendant company until the effective date of payment, against the defendant company which is now summoned so that a reference to its evidence be made.

The Sworn Application in the above names is adjourned for hearing on 19th May, 2022, at 11.25 a.m.

Notice to Respondent: Zenith Trading Ltd, Matilda Court, 35/2, Triq Giuseppe Calì, Ta' Xbiex

Registry of the Superior Courts, today 8th April, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

668

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Raymond Bonnici et vs Kishinchand Mohnani, Rikors

By means of a decree of the 9th December 2021 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Raymond Bonnici et vs Kishinchand Mohnani,

numru 694/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Kishinchand Mohnani a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Raymond Bonnici (KI 777051M), Josephine k/a Joann Camilleri (KI 875447M), Marie Farrugia (KI 11249M), Claire Hobbs (Passaport Malti 1315895), Martin Manduca (KI 120956M), Anthony Manduca (KI 713262M), Louise Manduca Morley (KI 559358), Anne Tabone (KI 184466M), James Arrigo (KI 295958M), Pippa Mattei (KI 564250M), Irene Christ (KI 23531), kif rappreżentata minn Dr Philip Manduca (KI 339960M), Philip Manduca (KI 339960M), Victor Manduca (KI 332770M) u Simon Manduca (KI 39988M), Sarah Paris (KI 46052M), Andrew Manduca (KI 221954M), Christine Coney (KI 837357M), Maria Darmanin (KI 25448M), Michael Darmanin (KI 219266M) Joanna Darmanin (KI 337567M), Paul Darmanin (KI 407968M), Bernadette Apap Bologna (KI 159251M), Anne Bonnici (KI 1107044M), Anthony Darmanin (KI 440246M), Cora Rossi (KI 657049M), Marie Therese Darmanin (KI 752943M), Michael Formosa Gauci (KI 581958M), Clarissa Formosa Gauci (KI 863650M), Anne Cole (KI 79753M), Joan Vella Muscat (KI 329855M), Josef Formosa Gauci (KI 68368M), Louis Bellizzi (KI 120051M) Cecilia Pae O'Seha (KI 353140M), Myriam Cassar Torregiani (KI 701741M), Doria Galea (KI 565244M) u Tanya Bellizzi (KI 643346M) vs Kishinchand Mohnani ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-30 ta' Settembru, 2021, ir-rikorrenti Raymond Bonnici et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru 254, Triq ir-Republika, Il-Belt Valletta, li jifforma part mill-kumpless Regency House. Illi l-intimat jikri mingħandhom ħanut (numru 12 – Oriental Shops) u vetrini fil-pjan terran u permezz ta' kirja separata porzjon li huwa ekwivalenti għal 42% mill-intier tal-basement tal-istess kumpless bil-kera ta' €13,277.43 fis-sena għall-ħanut u €13,044.49 fis-sena għall- basement intier u għalhekk il-porzjon ta' 42% dovut lill-esponenti huwa ekwivalenti għal €5,478.69.

L-ewwel skadenza għaż-żewġ kirjiet hija fl-1 ta' Ottubru, 2021.

Illi r-rikorrenti kienu ppreżentaw rikors kontra l-intimat fejn talbu li l-intimat jiġi żgumbrat mill-ħanut u l-basement fuq imsemmija għaliex naqas li jħallas il-kera fil-ħin. Illi dawn il-proċeduri għadhom pendenti u dan ir-rikors qed jiġi preżentat mingħajr preġudizzju għal rikors pendenti.

Illi fl-aħħar xhur l-intimat naqas li jżomm il-ħanut inkwistjoni miftuħ bi preġudizzju għar-rikorrent (ara ritratt Dok. A).

Application Number 694/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kishinchand Mohnani in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Raymond Bonnici (ID 777051M), Josephine k/a Joann Camilleri (ID 875447M), Marie Farrugia (ID 11249M), Claire Hobbs (Maltese Passport 1315895), Martin Manduca (ID 120956M), Anthony Manduca (ID 713262M), Louise Manduca Morley (ID 559358), Anne Tabone (ID 184466M), James Arrigo (ID 295958M), Pippa Mattei (ID 564250M)), Irene Christ (ID 23531) as represented by Dr Philip Manduca (ID 339960M), Philip Manduca (ID 339960M), Victor Manduca (ID 332770M) and Simon Manduca (ID 39988M), Sarah Paris (ID 46052M), Andrew Manduca (ID 221954M), Christine Coney (ID 837357M), Maria Darmanin (ID 25448M), Michael Darmanin (ID 219266M) Joanna Darmanin (ID 337567M), Paul Darmanin (ID 407968M), Bernadette Apap Bologna (ID 159251M), Anne Bonnici (ID 1107044M), Anthony Darmanin (ID 440246M), Cora Rossi (ID 657049M), Marie Therese Darmanin (ID 752943M), Michael Formosa Gauci (ID 581958M), Clarissa Formosa Gauci (ID 863650M), Anne Cole (KI 79753M), Joan Vella Muscat (ID 329855M), Josef Formosa Gauci (ID 68368M), Louis Bellizzi (ID 120051M) Cecilia Pae O'Seha (ID 353140M), Myriam Cassar Torregiani (ID 701741M), Doria Galea (ID 565244M) and Tanya Bellizzi (ID 643346M) vs Kishinchand Mohnani filed before the Rent Regulation Board, on the 28th December 2021, the applicant Natalie Caruana (ID 542282M) requested this Honourable Board to:

That the applicants are the owners of the premises number 254, Triq ir-Republika, Valletta, which forms part of the Regency House complex. That the respondent leases from them a shop (number 12 – Oriental Ships) and the showcases on the groundfloor and through a separate lease a portion which is equivalent to 42% of the entire basement of the same complex for the rent of €13,277.43 per annum for the shop and €13,044.49 per annum for the entire basement and therefore the portion of 42% due to the applicants is equivalent to €5,478.69.

The first installment for the two leases fell due on 1st October, 2021.

That the applicants had filed an application against the respondent requesting that the respondent be evicted from the shop and the basement above mentioned because he failed to pay the rent on time. That these proceedings are still pending and this application is being filed without prejudice to the pending application.

That in recent months the respondent has failed to keep the shop in question open to the detriment of the applicants (see photo Doc. A).

Illi billi l-intimat żamm il-fond magħluq dan ifisser li l-intimat waqa' fin-non-uso u b'hekk jiġi li huwa biddel in-natura tal-kirja jew id-destinazzjoni tal-fond skont il-liġi u dan bi preġudizzju għar-rikorrenti.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li għar-raġunijiet fuq imsemmija dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-ħanut u basement fuq imsemmi u dan fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: Livell 1, Britannia House, 9, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Intimat: Oriental Shop, Regency House, Il-Belt Valletta

Ir-rikors fl-ismijiet Raymond Bonnici et vs Kishinchand Mohnani, Rikors numru 694/2021LC, jinsab differit għat-2 ta' Mejju, 2022, fid-9.05 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That since the respondent kept the premises closed this means that the respondent is not using the premises and thus he changed the nature of the lease or the intended use of the premises according to law and this without prejudice to the applicants.

Thus, the applicants respectfully request that for the above reasons this Honourable Board should order the eviction of the respondent from the shop and basement above mentioned and this in a short and peremptory time.

With costs

Applicant: Level 1, Britannia House, 9, Triq l-Ifran, Valletta

Respondent: Oriental Shop, Regency House, Valletta

The application in the names Raymond Bonnici et vs Kishinchand Mohnani, Application number 694/2021LC, has been postponed for hearing to the 2nd May, 2022, at 9.05 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

669

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Ġuriżdizzjoni Kostituzzjonali, fil-25 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 740/21 ISB, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Novembru, 2021, fl-ismijiet Farrugia Mark (Mark-Anthony) vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et Seq. tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi u r-rimedji l-oħra kollha li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq tal-ħarsien li r-rikorrenti jgawdi taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar it-22 ta' Ġunju, 2022, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: Adrian Pisani Noe. 80, Borg's Flat 1, Triq il-Ferrovija, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 21 ta' April, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Civil Court, First Chamber, Constitutional Jurisdiction, on 25th March, 2022, in the acts of Constitutional Application number 740/21 ISB, filed on 12th November, 2021, in the names Farrugia Mark (Mark-Anthony) vs Advocate of State et, the following publication has been ordered, pursuant to Article 187 (3) et Seq. of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Make such orders, issue such acts and issue such other directives and such other remedies as it deems appropriate in order to carry out and ensure the exercise of the protection which the applicant enjoys under Article 1 of First Protocol to the European Convention. The Constitutional Application in the above names is adjourned for hearing on 22nd June, 2022, at 10.00 a.m.

Notice to Respondent: Adrian Pisani Noah, 80, Borg's Flat 1, Railway Road, Santa Venera

Registry of the Superior Courts, today, 21st April, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603